



Svezja

Id-drittijiet tal-imputati fil-proċeduri kriminali - Svezja

Dawn l-iskedi informattivi jispjegaw x'jiġri meta persuna tkun issuspettata jew akkużata li wettqet xi delitt li jiġi ttrattat permezz ta' proċess quddiem il-qorti kriminali. Għal tagħrif dwar reati inqas serji, bħal reati tat-traffiku fit-triq, li normalment ikunu ttrattati permezz ta' penali fissa bħal multa, ara l-[Iskeda Informattiva 5](#).

Jekk inti vittma ta' xi delitt, tista' ssib tagħrif sħiħ dwar id-drittijiet tiegħek [hawnhekk](#).

Sommarju tal-proċess kriminali

Dan li ġej huwa sommarju tal-istadji normali tal-proċess kriminali.

- Delitt jiġi rrapportat lill-pulizija;
- Il-pulizija jagħmlu l-investigazzjoni kriminali (investigazzjoni preliminari); fil-każ ta' delitti aktar serji l-investigazzjoni titmexxa mill-prosekutur;
- Fil-parti l-kbira tal-każijiet hemm il-possibbiltà li tqabbad avukat difensur pubbliku;
- Fil-każ ta' delitti aktar serji jew ripetuti l-prosekutur jista' jitlob lill-qorti li tinżamm taħt arrest. Imbagħad isir smiġh speċjali dwar l-arrest;
- Il-prosekutur iressaq il-prosekuzzjoni fil-qorti distrettwali;
- Il-qorti distrettwali tidda l-proċess (is-smiġh ewlieni) sabiex teżamina jekk hemmx provi li juru li inti wettaqt id-delitt u, jekk iva, sabiex tiddeċiedi dwar pjeni eċċ;
- Jekk xi waħda mill-partijiet tappella, il-Qorti tal-Appell teżamina jekk is-sentenza tal-qorti distrettwali għandhiex tkun ikkonfermata jew mibdula;
- F'xi każijiet is-sentenza tista' tkun riveduta wkoll mill-Qorti Suprema;
- Is-sentenza ssir legalment eżegwibbli, jiġifieri finali, u s-sentenza tiġi eżegwita jekk kien hemm kundanna.

Id-dettalji dwar dawn l-istadji kollha fil-proċess u dwar id-drittijiet tiegħek jinsabu fl-iskedi informattivi. Din l-informazzjoni ma tissostitwixxi parir legali u hija maħsuba biex isservi biss ta' gwida. Jekk għandek bżonn xi għajnuna, dejjem ikkonsulta ma' avukat jew ma' xi espert ieħor sabiex tistabilixxi x'japplika fis-sitwazzjoni speċifika tiegħek.

Ir-rwol tal-Kummissjoni Ewropea

Jekk jogħġbok innota li l-Kummissjoni Ewropea m'għandha l-ebda rwol fil-proċeduri kriminali fl-Istati Membri u ma tistax tgħinek jekk ikollok xi lment. F'dawn l-iskedi informattivi għandek issib l-informazzjoni dwar kif għandek tressaq ilment u lil min.

Ikklikkja fuq il-links ta' hawn taħt sabiex issib l-informazzjoni li teħtieġ

[1](#) – Kif tikseb parir legali

[2](#) – Id-drittijiet tiegħi waqt l-investigazzjoni ta' delitt

- l-interrogazzjoni
- l-arrest
- l-arrest preventiv
- il-kontinwazzjoni tal-investigazzjoni tal-pulizija
- it-tfejjija tal-każ mid-difiża
- il-prosekuzzjoni

[3](#) – Id-drittijiet tiegħi waqt il-proċess quddiem il-qorti kriminali

[4](#) – Id-drittijiet tiegħi wara l-proċess quddiem il-qorti kriminali

[5](#) – Reati tat-traffiku fit-triq

Links relatati

[Il-Qrati Svediżi](#)

[L-Awtorità Svediża tal-Prosekuzzjoni](#)

[L-Assoċjazzjoni Svediża tal-Avukati](#)

[L-Awtorità ta' Kumpens u Appoġġ lill-Vittmi tad-Delitti](#)

[Is-Servizz Svediż tal-Ħabs u tal-Probation](#)

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdañħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

L-aħħar aġġornament: 12/11/2015